KLR 23/VIII/2021

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tnejn, 31 ta' Mejju, 2021 fil-17:00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, Il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, il-membri Joseph Debrincat, Marcell Tabone, Charlie Hili u Maria Portelliu s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT: Il-membru Michel Buttigieg.

**23.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**23.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni fir-rigward ta':-

23.1.1 PC50/17 li hi applikazzjoni sottomessa mal-Awtorita' tal-Ippjanar. Is-sit jinsab fi Triq Mro. Dirjano Lanzon (*area* Karawendi). Wara li l-membri daħlu fid-dettall tal-applikazzjoni qablu li ssir oġġezzjoni mal-PA permezz tal-Perit tal-Kunsill fir-rigward tal-izvilupp propost.

Fost oħrajn il-Kunsill mhux jaqbel li:-

- binja storika, li x'aktarx hi tal-Gvern, xelters u barumbara antika, m'gaħndhom x jintmessew/jitwaqqgħu, anzi, għandhom jiġu restawrati;
- m'għandhiex tittieħed art agrikola sabiex imbagħad tinbena;
- bil-proġett propost jidher li t-traffiku għall-bini ta' din l-*area* ser ikun jidħol u joħroġ mill-istess passaġġ li jiżbokka fi Triq il-Belliegħa. Dan bil-konsegwenza li jiżdied ħafna t-traffiku f'din it-triq residenzjali.;

23.1.2 it-triq minn San Ġakbu sa Pjazza Savina. Din saret permezz tal-fondi tal-*ERDF 249: Setting an Integral, Archaeological and Historical Trail in Victoria*. Peress li t-triq m'għadhiex tajba, il-Ministru għal Għawdex wera l-interess li din tinqala u ssir bit-tarmak. Il-membri ma oġġezzjonawx peress li din hi t-triq prinċipali t'Għawdex li minnha jgħaddi ammont kbir ta' traffiku l-ħin kollu.

Billi saret b'fondi mill-Unjoni Ewropeja, hemm perijodu ta' ħames snin wara li jkun finalizzat il-proġett li fih ma jkunx jista' jsir bdil. Il-Kunsill kiteb lill-Planning & Priorities Coordination Division (PPCD) fejn jiġi komunikat dan u sabiex il-Kunsill jingħata d-data ta' meta jkun jista' jsir tibdil f'din it-triq li kienet parti mill-proġett imsemmi. Il-PPCD infurmat lill-Kunsill li l-ħames snin qed jiġu kkalkulati minn wara li ġie sottomess l-aħħar rapport, cioe' id-data wara li jkunu għaddew ħames snin hija fit-22 ta' Ġunju 2022.

Il-membri qablu li għandu jittieħed il-parir tal-Perit Scerri li kien inkarigat minn dan il-proġett li kien inawgurat f'Diċembru tal-2015. L-aħħar rapport, il- Project Closure Report (PCR) OPI ta' dan il-proġett kien ġie sottomess mill-Kunsill fit-22 ta' Ġunju 201. Dan minħabba li l-proġett kellu rekwiżit li wara li jsir ix-xogħol infrastrutturali għandha tinħareġ offerta biex isir *survey* u l-analiżi rispettiva fuq dan il-porġett. Filfatt din l-offerta (Tender for the carrying out of a survey and respective analysis in relation to the project "ERDF 249: Setting of an Integral, Archaeological and Historical Trail in Victoria') inħarġet f'Marzu 2017 u l-kuntratt ingħata fl-Lulu 2017. Wara imbagħad ġie sottomess l-OPI.

Il-membri ġew mgħarrfa li:-

23.2.3 ġiet irreġsitrata oġġezzjoni mal-Public Contracts Review Board (PCRB) minn Jeffrey Farrugia għan-nom ta' Be Clean Ltd. li kien wieħed mill-offerenti fir-rigward tal-offerta (VLC/01/2021) *Cleaning of Unattended Public Conveniences in Victoria using Environmentally Friendly Products*. Id-dokumenti li ġew mitluba mill-PCRB ġew mibgħuta kollha mill-Kunsill;

23.2.4 l-Kunsill għandu l-kuntratt li sar mal-Ministeru għal Għawdex fir-rigward tax-xiri tal-*outdoor gym equipment* li ser isir fil-*playing field* f'taċ-Ċawla H.E. L-apparat għandu jeħel fil-post ix-xahar id-dieħel;

23.2.5 fis-*soft areas* tal-*housing estate* f'taċ-Ċawla tħawlu pjanti minn naħħa tal-Minsiteru tal-Ambjent.

**23.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

23.3.1 Reġjun Għawdex rigward il-Festival Internazzjonali tal-Bizzilla ġewwa l-Kroazja – Settembru 2021. Il-membri ġew mgħarrfa li dan ser jerġa jinżamm b'mod remot;

23.3.2 id-Divizjoni għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ibbenenfika minn €10,000 mill-Fond għall-Belt Kapitali u Bliet;

23.3.3 Eko-Għawdex fejn il-Kunsill intalab jiffirma l-ittra ta' delegazzjoni sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol fil-piċċ tal-boċċi ta' Triq it-Tabib Anton Tabone. Il-membri qablu li dan ma jiġix iffirmat qabel Eko-Għawdex tirranġa l-pjanta proposta għall-piċċ tal-boċċi li tkun tinkludi garaxx/*store* li jkun tal-Kunsill. Dan kif ġie komunikat lill-Eko-Għawdex f'*email* datata 30 t'April 2021;

23.3.4 il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li it-telgħa tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex, permezz ta' avviz ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-23 ta'April 2021 ġiet imsemmija Triq id-Donaturi tad-Demm;

23.3.5 l-Environment & Resourses Authority (ERA) rigward ir-*recycling points*. Skont Regolament 10(2) tar-Regolamenti dwar l-Iskart (L.S. 549.63) jistipola li l-Kunsilli għandhom jipprovdu spazju għall-provediment ta' *Recycling Points* għal kull 2,000 abitant. Fir-Rabat hawn *recycling point* fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus*. Il-Kunsill kellu *recycling point* ieħor fi Triq it-Tabib Anton Tabone. Dan kellu jitneħħa minħabba diversi lmenti, fosthom ilmenti tar-residenti minħabba r-rieħa li kien ikun hemm speċjalment fis-sajf, abbuż u rimi illegali ta' kull jum minn persuni minn irħula oħra u anke' sidien ta' ħwienet u ristoranti. Il-Kunsill ma kellux triq oħra għajr li jelimina dan is-sit li illum hu nadif aktar minn qatt qabel. Ir-*recycling point* li l-Kunsill għandu fil-parkeġġ il-kbir joħloq l-istess problemi, pero' din qedgħa mbegħda mid-djar residenzjali u għalhekk ma jkolniex ilmenti mir-residenti. Xorta toħloq *eyesore* kbira peress li l-post fejn tinsab kuljum jgħaddu minnu mijiet ta'nies. Il-Kunsill poġġa *CCTV cameras* sabiex jipprova jikkontrolla aktar l-abbuż li xorta jibqa' jsir minn nies irresponsabbli. Il-Kunsill jinnota li m'hawnx infurzar biżżejjed u ma jsibx appoġġ minn entitajiet sabiex isir il-monitoraġġ tas-sit. Il-Kunsill għandu jagħrraf lill-ERA b'dawn id-dettalji u jistaqsi jekk l-ERA toffrix u tagħmilx monitoraġġ u infurzar fuq min jabbuża minn dawn ir-*recycling points*. Il-lokailta' tar-Rabat hi lokalita' urbana u diffiċli ferm issib post sabiex tpoġġi dawn il-*bins* u ma jiġux affetwati r-residenti negattivament minħabba li l-problemi li jikkawżaw jgħelbu l-vantaġġi li joffru.

23.3.6 il-Gozo Association for the Deaf (G.A.D) fejn qed jiproponu li ssir laqgħa mall-membri tal-Kunsill sabiex jiġi spjegat l-għajnuna li l-G.A.D. toffri lill-persuni li għandhom din id-diżabilita' u dawk li jiġu minnhom. Il-membri qablu li ssir din il-laqgħa;

23.3.7 il-Kumitat Olimpiku Malti fir-rigward ta' 'The Queen's Baton Relay'. Waqt li tkun qed iddur il-pajjiżi kollha tal-*Commonweatlh* din ser tkun Malta bejn il-11 u l-14 t'Ottuburu 2021. Il-Queen's Baton ser tinkludi messaġġ mill-Maesta Tagħha ir-Reġina tal-Ingilterra li jinqara waqt iċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-Birmingham Commonwealth Games li se jsiru bejn it-28 ta' Lulju u t-8 t'Awwisu 2022. Ġie suġġerit sabiex isir attivita' żgħira fit-12 jew 13 t'Ottubru 2021. Il-Kunsill għandu jistaqsi x'tip t'attivita' tista' ssir;

23.3.8 Dr Alex Borg li kiteb għan-nom ta' Saviour Rapa li għandu trukk tal-ġelat u jixtieq jarmah fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus*. Fil-fehma tal-membri, is-sit li ġie suġġerit ser jaffetwa l-mogħdija tat-traffiku. Għandu jinstab post alternattiv li ma jkunx ta' periklu u ma jaffetwax traffiku;

23.3.9 l-Arċipriet tal-Paroċċa ta' San Ġorġ rigward il-proġett li qed tagħmel l-istess Parroċċa, 'Fejn hu ħuk?', bit-tema Ħares id-Dar Komuni. Intalbet laqgħa mal-membri tal-Kunsill u l-membri qablu li jaċċettaw din l-istedina;

23.3.10 Patricia Mercieca li talbet li tinqala bozza mad-dar numru 6 fi Triq Gedrin peress li l-bini ser jitwaqqa. Is-sid aċċettat li terġa teħel il-bozza mal-bini meta dan ikun inbena. Il-membri qablu li din il-bozza titneħħa temporanjament;

23.3.11 Denise Cauchi li talbet lill-Kunsill sabiex jinqala għal kollox fanal minn mal-propjeta' tagħha fi Triq il-Madonna tal-Karmnu kantuniera ma Triq Santa Marija. Jidher li dan qed jikkawża ħsara mal-faċċata tagħha. Peress illi mhix policy tal-Kunsill li jneħħi bozoz/fanali minn mad-djar privati, l-Kunsill ma jistax jaċċetta li dan il-fanal jitneħħa għal kollox. Dan il-fanal hu nkluż fil-proġett tal-bdil tal-fanali miċ-ċentru tar-Rabat. Il-membri qablu li jekk qed jikkawża xi ħsara, din għandha titranġa għas-spejjeż tal-Kunsill.

**23.4 *'New Energy efficient lighting system for St George's Square and the old streets within the City Centre in Victoria, Gozo.'* LCF/16/2020 – *update***

23.4.1 Il-membri ġew mgħarrfa li l-offerta għal dan ix-xogħol għalqet nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Ġunju 2021. Intefgħu erba' offerti.

23.4.2 Il-membri qablu li l-bord ta' evalwazzjoni tal-offerta għandhom ikunu is-Sindku – Chairman, is-Segretarju Eżekuttiv – Segretarja tal-Bord, u l-membri jkunu l-Ing. Mario Cauchi, l-Ing. Jeffrey Muscat u l-Av. Larry Formosa.

23.4.3 Ġie spjegat li d-dawl li għandu jintuża hu *warm white*.

23.4.4 Il-membri qablu li t-tabella tal-Awtorita' tal-Ippjanar li turi li dan il-proġett hu ffinanzjat minnha għandha teħel fl-inħawi ta' Triq l-Arċipriet Saver Cassar qrib iċ-Ċentru tal-Katidral. Għandha ssir tabella oħra li turi li-xogħol qed jiġi amministrat mill-Kunsill.

**23.5 Restawr tal-istatwi taz-zuntier tal-Kunvent ta' Santu Wisitin u San Ġorġ tal-Ħaġar**

Il-bord ta' aġġudikazzjoni għadu qed jevalwa l-offerta li ntefgħet u ntbagħtu xi kjarifiki biex jiġu ċċarati mill-offerant.

**23.6 Immaniġjar tat-traffiku**

*Transport Malta* (TM) approvat:-

23.6.1 *road hump* għal-Triq Ħamamiet;

23.6.2 *traffic mirror* fi Triq Viani

23.6.3 *one meter double yellow line* biswit il-garaxx ta' 'Orchidea' fi Triq Mattia Preti;

23.6.4 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' Victoria Attard, 12, Triq Librerija.

Intalab il-permess ta' TM għall-

23.6.5 parkeġġ riservat għall-użu tal-uffiċċju tar-Reġjun Għawdex li jinsab fi Triq l-10 ta' Ġunju 1887;

23.6.6 spazju riservat għall-użu tal-bdiewa li għandhom l-egħlieqi fi Triq ta' Pinu, 'l hemm minn fejn tibda t-Telgħa ta' Gelmus;

23.6.7 *one metre double yellow line* biswit garaxx fi Triq it-23 t'April;

23.6.8 *keep clear* quddiem għalqa mhix mibnija fi Triq Santa Martha. Is-sid talab din il-*keep clear* peress li fl-għalqa jipparkja l-vetturi tiegħu. TM talbet il-permess tal-użu ta' dan is-sit;

23.6.9 *no entry except for un/laoding* fl-isqaq ta' Triq Vajrinġa.

Korrispondenza relatata mat-traffiku

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand:-

23.6.10 Lino Spiteri fejn issuġġerixxa alternattiva fir-rigward tat-*traffic management* li hemm fil-*junction* ta' Triq Santa Luċija u Triq Kerċem. Il-Kunsill għadda din il-korripsondenza lill-TM għall-veduti tagħha.

23.6.11 Scicluna Enterprises Ltd. rigward PA/0034/21 fuq propjeta fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II. TM qed toġġezzjona li jinħareġ il-permess tal-bini minħabba li quddiem din il-propjeta' hemm *pedestrian crossing.* Il-Kunsill intalab sabiex jipproponi li jneħħi din il-*pedestrian crossing*. Il-membri qablu li tiġi konsultata TM sabiex jekk hu possibli jinstab post alternattiv għall-*pedestrian crossing*.

**23.7 Onorefiċenza – Ġieħ il-Belt Victoria**

Il-membri qablu li għal din is-sena ma jsirux ċelebrazzjoni ta' Jum il-Belt Victoria u l-Onorefiċenza – Ġieħ il-Belt Victoria tingħata s-sena d-dieħla meta s-sitwazzjoni tal-Covid-19 tkun qalbet għal aħjar.

**23.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Ġunju 2021 skond dokument A anness.

## 23.9 Xogħlijiet oħra

Il-membri qablu li jitpoġġew żewġ *dog litter bins*, wieħed qabel tidħol għal-Wied tal-Lunzjata u ieħor fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II qrib il-*bus shelter*.

## 23.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa spiċċat fis-19:30 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 5 ta’ Lulju 2021, fil-17:00.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |